MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**LAWRENCE QUINTANO**

Seduta tal-11 ta' Frar, 2013

Appell Kriminali Numru. 479/2011

**Il-Pulizija**
**(Spt. Robert Vella)**
**Vs**
**Carmel Azzopardi**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant [detentur tal-karta tal-identita` numru 922648M] quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fil-21 ta' Gunju, 2008 ghall-habta ta' 16.00 hrs fl-irdum tal-Madliena l/o Dingli

1. bla hsieb li jisraq jew li jaghmel hsara kontra l-ligi izda biss biex jezercita dritt li jippretendi li ghandu fixkel lil Frankly Agius u Martin Busuttil fil-pussess ta' hwejjighom billi dahal fil-proprjeta` taghhom. Sec. 85 (1) tal-Kap. 9;
2. u aktar talli fl-istess post data u hin bi hsara tas-sid jew tad-detentur ghamel vjolazzjoni kontra l-proprjeta ta' Franky Agius u Martin Busuttil billi dahal fil-proprjeta` taghhom minghajr permess. Sec. 340(d) Kap. 9.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-10 ta' Novembru 2011, li biha wara li rat l-artikoli tal-ligi u cioe` l-artikoli 85 u 340 (d) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ddikjarat li sabet lill-appellant hati tal-akkuzi u kkundannatu komplessivament multa ta' sittin ewro (€60).

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fil-21 ta' Novembru 2011, li bih talab li din il-Qorti joghgobha thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u konsegwentement tillibera lill-appellant minn kull imputazzjoni u htija.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant huwa s-segwenti w cioe':-

1. Fl-ewwel lok u b'referenza ghall-ewwel imputazzjoni dedotta kontra l-appellant, il-prosekuzzjoni bl-ebda mod ma rnexxielha tipprova l-elementi tar-reat ta' ragion fattasi. Ghal dak illi jirrigwarda l-element tal-pussess, ghandu jinghad illi dan l-element assolutament ma giex ippruvat. La Franky Agius u lanqas Martin Busuttil ma spjegaw kif allegatament ghandhom il-pussess tal-proprjeta' u l-post fejn kien jinstab l-appellanti. L-unika haga li jghid Franky Agius waqt ix-xhieda tieghu in kontro-ezami quddiem il-Perit Tekniku Mario Cassar waqt is-seduta ta' nhar il-15 ta' Lulju 2010 hija illi jghid illi kellhom pussess ghaliex din kienet fil-proprjeta` ta' missieru. Pero` apparti li l-appellanti assolutament ma jaqbilx ma din l-allegazzjoni – il-pussess u t-titolu ta' proprjeta`, huma zewg kuncetti ben distinti. Il-fatt illi dato ma non concesso – tkun proprjetarju (jew missier Franky Agius huwa proprjetarju) ma jfissirx illi l-imsemmi Franky Agius ghandu pussess. Barra minn hekk, l-appellant sostna quddiem il-Perit Tekniku Mario Cassar illi l-pussess ta' din l-art kien tieghu u tal-familja tieghu u ghalhekk, f'kull kaz, kien hemm lok illi l-appellanti jigi liberat fuq kunflitt ta' provi.

2. Fit-tieni lok u dejjem b'referenza ghall-ewwel imputazzjoni kontra l-appellant, l-appellant jirrileva ulterjorment illi r-reat ta' ragion fattasi ma giex ippruvat billi l-prosekuzzjoni ma gabitx prova ta' l-element l-iehor mehtieg ossija l-koxjenza fl-agent li hu qieghed jaghmel "di privato braccio" dak li jmissu jsir permezz ta' l-awtorita` pubblika. Fil-verita` dak illi gara huwa illi Franky Agius u siehbu Martin Busuttil kienu fuq proprjeta` illi ilha fil-pussess tal-familja ta' l-appellant ghal hafna snin. L-appellant nizel fuq din il-proprjeta` u l-imsemmija Franky Agius u Martin Busuttil telqu minn hemm. Jigifieri l-appellant ma ghamel xejn "di privato braccio" dak li messu sar permezz ta' l-awtorita` pubblika. Wisq anqas seta` l-appellanti kellu xi koxjenza kif trid il-gurisprudenza. Ta' min jghid illi l-appellant qaghad il-hin kollu bejn il-hajt tas-sejjiegh u r-razzett tal-familja tieghu u fl-ebda hin ma qasam fil-proprjeta` ta' Andrew Agius.

3. Fit-tielet lok, l-imputazzjoni ta' ragion fattasi kif dedotta kontra l-appellant lanqas giet ippruvata billi ma gie ppruvat bl-ebda mod illi l-appellant fixkel lil Franky Agius u Martin Busuttil fil-pussess ta' hwejjighom billi dahal fil-proprjeta` taghhom. Dak illi fil-verita` gie ppruvat huwa illi kien hemm bicca art jew raba` illi dahlu fiha kemm Franky Agius u Martin Busuttil kif ukoll l-appellant. Bil-fatt wahda illi dahlu hemmhekk Franky Agius u Martin Busuttil ma jfissirx illi huma akkwistaw xi pussess. Alla hares ghaliex kieku bil-fatt wahda illi persuna tidhol fi proprjeta` u immedjatament jew wara ftit tohrog minn hemm ifisser illi dik il-persuna ghandha pussess. Il-fattispjece tal-kaz odjern bl-ebda mod ma jikkonfiguraw fl-elementi tar-reat ta' ragion fattasi. Ma giex ppruvat illi Franky Agius u jew Martin Busuttil ghandhom xi proprjeta` fl-akkwati tar-raba` in kwistjoni. L-Ewwel Onorabbli Qorti stqarret illi din mhijiex kwistjoni ta' min ghandu l-proprjeta` izda l-pussess. Ghalkemm dan huwa minnu fl-astratt, f'dan il-kaz partikolari u bil-mod kif giet dedotta l-akkuza, l-prosekuzzjoni kellha l-oneru illi – kif tghid l-akkuza – iggib prova illi Franky Agius u Martin Busuttil gew imfixkla fil-pussess ghaliex l-appellant dahal fil-proprjeta` taghhom. L-ewwel u qabel kollox kien oneru impost fuq il-prosekuzzjoni illi tipprova jekk l-imsemmija Franky Agius u Martin Busuttil kellhomx proprjeta`. Kien proprju ghalhekk

illi fid-digriet moghti mill-Ewwel Onorabbli Qorti nhar is-17 ta’ Settembru 2008 dik il-Qorti hatret lil perit tekniku Mario Cassar “biex jistabbilixxi fejn hija l-proprjeta` ta’ Franky Agius u Martin Busuttil u jekk l-imputat dahalx f’din il-proprjeta`”. Ladarba xejn minn dan ma gie ppruvat, billi la Franky Agius u lanqas Martin Busuttil ma ghandhom proprjeta`, l-akkuza kif dedotta fil-konfront ta’ l-appellanti ma setghetx tregi. Tant kemm dik l-akkuza ma setghetx tregi, illi waqt access illi kien inzamm mill-perit tekniku Mario Cassar, il-prokuratur legali Victor Bugeja ghal Franky Agius u Martin Busuttil kien innota – u l-perit tekniku nizzel notament fuq il-kopja tal-komparixxi li kellu u li gie allegat mar-rapport tekniku tieghu – illi l-proprjeta` hija ta’ Andrew Agius mhux Franky Agius. Ghalhekk ladarba, l-parte civile ossija Franky Agius u Martin Busuttil stess ammettew illi ma humiex proprjetarji ta’ l-art in kwistjoni, l-appellant ma seta` qatt dahal fil-proprjeta` taghhom u anke ghalhekk l-akkuza kif dedotta ma tirrizultax ippruvata.

4. Fir-raba` lok, u b’referenza ghat-tieni imputazzjoni dedotta kontra l-appellant, l-appellant jirrileva illi l-Ewwel Onorabbli Qorti kienet zbaljata meta sabitu hati ta’ din l-imputazzjoni u kienet zbaljata wkoll meta ikkonkludiet illi din ma tikkoncernax kwistjoni ta’ min huwa proprjetarju izda min ghandu l-pussess. Dana qieghed jigi rilevat billi t-tieni imputazzjoni li inharget taht l-artikolu 340 (d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta hija kontravvenzjoni kontra l-proprjeta` ta’ haddiehor. Jigi ghalhekk ribadit illi ladarba irrizulta ampjament illi la Franky Agius u lanqas Martin Busuttil ma humiex proprjetarji, l-appellant ma seta` jaghmel ebda tali kontravvenzjoni fil-konfront taghhom. F’kull kaz, anke jekk dina l-Onoroabbli Qorti kellha taqbel ma’ dak illi rriteniet l-Ewwel Onorabbli Qorti dwar il-kwistjoni tal-pussess, l-appellant jaghmel referenza ghall-ewwel aggravju tieghu minfejn jirrizulta ampjament illi Franky Agius u Martin Busuttil ma kellhom ebda pussess.

Rat l-atti kollha tal-porċess inkluża r-relazzjoni tal-perit tekniku mqabbad mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta’ Ġudikatura Kriminali, ix-xhieda hemm miġbura kif ukoll l-affidavit ippreżentat minn PC 1546 Francis Gauci.

Semgħet it-trattazzjoni tal-abbli Prosekutur u tal-abbli Difensur.

Ikkonsidrat

Illi l-artikolu 85 tal-Kap 9 jgħid kif ġej:

**85.** (1*) Kull min, bla ħsieb li jisraq jew li jagħmel ħsara kontra l-liġi, iżda biss biex jeżerċita jedd li jippretendi li għandu, iġiegħel, bl-awtorità tiegħu nnifsu, lil xi ħadd iħallas dejn, jew jesegwixxi obbligazzjoni, tkun li tkun, jew ifixkel lil xi ħadd fil-pussess ta' ħwejġu, jew iħott bini, jew jikser il-mixi tal-ilma jew jieħu l-ilma għalih, jew b'xi mod ieħor, kontra l-liġi, jindaħal fi ħwejjeġ ħaddieħor, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija minn xahar sa tliet xhur:*

*Iżda, il-qorti tista', fid-diskrezzjoni tagħha, minflok il-piena hawn fuq imsemmija, tagħti l-piena tal-multa.*

*(2) Id-disposizzjonijiet tal-artikolu 377(5) japplikaw f'kull każ ta' sejbien ta' ħtija taħt is-subartikolu (1) u meta l-għemil tal-ħati jkun irriżulta filli persuna oħra tbati spoll il-qorti għandha tapplika d-disposizzjonijiet ta' dak is-subartikolu sabiex tassigura li l-persuna li batiet l-ispoll titqiegħed għal kollox fl-istat ta' qabel ma batiet l-ispoll.*

Skont ġurisprudenza kostanti, l-erba' elementi ta' dan l-artikolu huma s-segwenti:

'L-elementi kostituttivi ta' dan ir-reat (artikolu 85) huma erba', kif diversi drabi ritenut fil-gurisprudenza tagħna, u ċioe',

(1) att estern li jispolja lil xi ħaddieħor minn ħaga li jkun qed igawdi, liema att ikun esegwit kontra l-opposizzjoni espressa jew presunta, ta' dan il-ħaddiehor,

(2) il-kredenza li l-att qiegħed isir b'eżerċizzju ta'dritt,

(3) il-koxjenza fl-agent li hu qed jagħmel di privato braccio dak li jmissu jsir permezz ta' l-awtorita' pubblika, u

(4) in-nuqqas ta'titolu li jirrendi l-fatt aktar gravi.

Mela dan l-Artikolu 85 tal-Kodici Kriminali, bl-ewwel rekwizit tieghu, kjarament iqis bhal agir kriminali kull att ta' xi hadd li jfixkel lil xi haddiehor fil-pussess ta' xi haga li qed igawdi. **L-imsemmi artikolu, ghalhekk, jittutela l-pussess tal-haga u mhux neċessarjament ukoll il-propjeta' tagħha. Il-kelma pussess,ghalhekk, tinkludi l-użu jew tgawdija ta' dik il-haga.'** (Il-Pulizija vs Joseph Bongailas 22 t'Ottubru, 2001).

Il-Qorti, barra mir-referenza għas-sentenza magħmula fil-paragrafu preċedenti, il-Qorti ser tagħmel referenza għal sentenza oħra li tispjega b'mod ċar ir-raison d'etre ta' dan ir-reat:

*`Apparti li l-azzjoni kriminali u l-azzjoni ċivili jitmexxew indipendentement minn xulxin*
*(Artikolu 6, Kap. 9), ir-reat ipotizzat fl-imputazzoni huwa dak ta' delitt kontra l-amministrazzjoni tal-ġustizzja, u aktar preċiżament id-delitt ta l-uzu kontra l-ligi mill-privat tas-setghat ta' l-awtorita` pubblika. L-Artikolu 85 tal-Kodici Kriminali hu intiz mhux biex jipprotegi l-proprjeta`, mobbli jew immobbli, ta' dak li jkun – ghal tali protezzjoni hemm l-azzjoni civili – izda biex jipprevjeni l-użurpazzjoni mill-privat tas-setgħat tal-awtorita` pubblika1. Isegwi ghalhekk li, indipendentement mill-protezzjoni moghtija permezz ta' l-azzjoni jew azzjonijiet civili, jekk jirrizulta bhala fatt li kien hemm l-uzurpazzjoni ravvizata fl-imsemmi Artikolu 85, il-Qrati ta' Gustizzja Kriminali ghandhom jagixxu tempestivament biex jirristabilixxu l-ordni pubblika permezz tas-sanzjoni penali' (Qorti tal-Appell Kriminali 30 ta' Lulju 2004 Il-Pulizija vs Anthony Micallef)*

Ikkonsidrat

**Xhieda Prinċipali Mogħtija**

Mix-xhieda tal-kwerelanti jirriżulta li din kienet waħda konsistenti u qal:

'Skont ir-ritratt MC 173 huma kienu fil-porpjeta' tagħhom. Re MC1/3 is-Sur Azzopardi kien biswit il-ħajt punt X. Jien u Martin inżilna u għidnielu biex iħallina bi kwietna u ma kellimna xejn. Is-sur Azzopardi kien fuq il-parti mwaqqa' tal-ħajt tas-sejjieħ. Dan il-ħajt kien imwaqqa' u rranġajnieh jien u ħija Frederick. Hemmhekk il-porpjeta' mhix f'ismi iżda ta' missieri. Skont jien, l-arja ta' bejn il-ħarruba u l-ħajt tas-sejjieħ kien fil-pussess tagħna. Dan qed ngħidu għax din l-arja kienet in-naħa tal-propjeta' ta' missieri u kienet tifred din il-projeta' minn dik tas-sur Azzopardi tramite liedna u għollieq u pal tal-bajtar. Id-diviżjoni bil-liedna u l-għollieq u l-pal tal-bajtar kienet impenetrabbli.'

Min-naħa l-oħra l-appellant kien xehed li

'Għall-ħabta tat-3.30pm kien innota li kien hemm Frankie u Martin Busuttil taħt il-ħarruba ta' ħdejn ir-razzett tagħna. …Ħadt ir-ritratti għax l-imputati kienu fil-propjeta' tal-familja. Inżilna hemm isfel biex nieħu ritratti addizzjonali biex jagħmlu tajjeb jekk ta' qabel ma jkunux ħarġu sew. Inżilt bejn ir-razzett u l-ħajt tas-sejjieħ u ħadt dawn ir-ritratti Dok CA1 u CA2. L-imputati f'dawn ir-ritratti qegħdin fuq il-ġiebja tagħhom. L-arja inidkata f'Dok MC1)3 fejn kienu bil-qegħda l-imputati kienet fil-pussess tal-familja tiegħi – u dan skont pjanta tal-1939.'

Il-perit tekniku ikkonkluda hekk:

'Il-parti ta' dan il-ħajt tas-sejjieħ mill-pjanti u aerial views għad-dispożizzjoni tal-esponent kien fuq in-naħa tal-propjeta' ta' Andrew Agius u għalhekk fil-fehma tal-perit tekniku dan kellu l-pussess.

Il-pjanta tar-reġistrazzjoni tikkonferma illi biċċa minn dan il-ħajt tas-sejjieħ jinsab fl-art ta' Andrew Agius Dok MP9.

**Applikazzjoni tal-Liġi u l-Ġurisprudenza għall-aggravji**

Il-Qorti qed tqis l-aggravji seriatim.

L-ewwelnett, kontra dak li qed jissottometti l-appellant, il-Prosekuzzjoni ppruvat l-elementi kollha tar-ragion fattasi. Għal dan ir-reat mhux importanti ta' min hi l-art iżda min qiegħed fil-fatt igawdiha. Lanqas fl-azzjoni ċivili l-actio spolii m'huwa indispensabbli li l-ispoljat jipprova li huwa l-propjetarju għax is-sempliċi detentur jew inkwilin jista' jistitwixxi tali azzjoni. Dan il-prinċipju japplika multo magis għar-reat taħt l-artikolu 85. Dan spjegatu kemm l-Ewwel Qorti fis-sentenza tagħha huwa wkoll ikkonfermat mill-ġurisprudenza kkwotata aktar 'il fuq.

Lanqas ma jfisser li għax jiġi allegat li hemm konflitt ta' provi, allura jfisser li l-appellant għandu jkun liberat. Il-Qorti hija fid-dmir tistabilixxi min qed jgħid il-verita' u għandha tillibera biss jekk tassew ma tkunx f'pożizzjoni li ssib. F'dan il-każ kien possibbli li tagħżel liema hija l-verżjoni veritjera u għalhekk l-Ewwel Qorti kienet korretta fil-konklużjoni tagħha.

Isegwi li l-Qorti qed tiċħad l-ewwel aggravju..

Fit-tieni aggravju, l-appellant jissottometti li l-appellant m'għamel xejn di 'privato abbraccio' jew li kellu l-koxjenza rikjesta mil-Liġi. Il-Qorti ma tarax għaliex għandha tiskarta l-konklużjoni tal-perit tekniku li l-imputat kien fuq feles ħdejn il-ħajt fil-pussess tal-kwerelant. (fol 28). Lanqas m'għandha tiskarta x-xhieda li ta Frankie Agius li jgħid ċar tond li l-appellant kien bejn il-ħajt tas-sejjieħ u l-ħarruba u li l-appellant kein daħal fil-proprjeta' tagħhom. Il-koxjenza tidher mill-att fih innifsu li nibqa' dieħel fejn jien qed nippretendi li hu tiegħi.

Għalhekk il-Qorti qed tiċħad it-tieni aggravju tal-appellant.

It-tielet aggravju huwa fis-sens li l-Prosekuzzjoni riedet tipprova li l-appellant kien fixkel il-pussess tal-kwerelant. Fil-fehma tal-Qorti kien biżżejjed li kien ippruvat li l-appellant daħal f'territorju ta' ħadd ieħor.

Il-bqija ta' dan l-aggravju hija biss estenzjoni tal-ewwel aggravju. L-appellant jirriafferma li ma kienx ippruvat li l-kwerelant għandu l-propjeta', allura ma setax jinstab ħati ta' dan ir-reat. Diġa' ntqal x'inhi n-natura ta' dan ir-reat u li l-prova ta' propjeta' mhix indispensabbli biex persuna tinstab ħatja ta' dan ir-reat.

Għaldaqstant il-Qorti qed tiċħad it-tielet aggravju.

Ir-raba' aggravju huwa li din il-kontravenzjoni hija limitata għal min hu proprejatarju biss.

Iżda fffettivament din il-kontravenzjoni tgħid hekk:

'(d) bi ħsara tas-sid jew **tad-detentur**, jagħmel vjolazzjoni oħra kontra l-propjeta' ta' ħaddieħor, mhux imsemmija fil-paragrafi ta' qabel ta' dan l-artikolu, u lanqas band'oħra f'dan il-Kodiċi.'

Il-kliem ta' din il-kontravenzjoni jinkludi wkoll lid-detentur li bilfors ried ikun inkluż mil-Leġislatur għax jekk jitħalla barra d-detentur, dan kienx ikun hemm protezzjoni għal min huwa inkwilin jew għandu l-użufrutt. Fil-fehma ta' din il-Qorti il-Prosekuzzjoni ppruvat l-elementi ta' din il-kontravenzjoni ukoll. Iżda prattikament din il-kontravenzjoni tista' tiqies bħala assorbita fl-ewwel imputazzjoni.

Il-Qorti qed tiċħad ir-raba' aggravju.

Għaldaqstant il-Qorti qed tiċħad l-appell u qed tikkonferma s-sentenza mogħtija fl-ismijiet premessi fl-10 ta' Novembru 2011 fl-intier tagħha.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------